MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## DEPASQUALE FRANCO K.C., B.A., LL.D.

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2002

Citazzjoni Numru. 1387/1998/1

**Maltacom plc**

**Vs**

**John u Pauline konjugi Camilleri**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta` attrici premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi skond id-dokument relattiv anness mac-citazzjoni u markat Dok. A kif ukoll skond ir-regolamenti vigenti li jirregolaw l-uzu tas-servizzi moghtija mill-Korporazzjoni Telemalta (awtrici ta' Maltacom p.l.c.), il-konvenuti ghandhom jaghtu lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf, seba' mija u tlieta u disghin Lira Malitja u sittin centezmu (Lm1,793.60), in konnessjoni mas-servizz tat-

telefon relattiv ghal-linja bin-numru erbgha, wiehed, tnejn, tnejn, hamsa, hamsa (412255) skond il-prospett anness mac-citazzjoni u markat bhala Dok. B;

Premess illi interpellati biex ihallsu l-konvenuti baqghu inadempjenti;

Premess illi dan id-dejn huwa cert, likwidu u ezigibbli;

Talbet ghalhekk is-socjeta` attrici lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddeciedi l-kawza skond it-talba tas-socjeta` attrici bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur ta' l-Artikolu 167 *et sequitur* tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf seba' mija u tlieta u disghin Lira Maltija u sittin centezmu (Lm1,793.60);

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tat-taxxa tas-sisa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuti;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess socjeta` attrici, l-elenku tad-dokumenti minnha esebiti u l-lista tax-xhieda indikati;

Rat id-digriet taghha tal-15 ta' Lulju 1998 fejn awtorizzat lill-konvenuti jipprezentaw in-nota ta' l-eccezzjonijiet taghhom;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-istess konvenuti illi fiha huma eccipew:-

1. Illi preliminarjament it-talbiet attrici kienu preskritti ai termini ta' l-Artikoli 2148(f) u 2156 (f) tal-Kodici Civili

2. Illi fil-meritu t-talbiet attrici kienu infondati peress li hadd mill-eccipjenti ma ghamel il-kjamati li ghalihom qed tippretendi hlas is-socjeta` attrici;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenuti u l-lista tax-xhieda minnhom indikati;

Semghet lid-difensuri;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkunsidrat:-

Illi s-socjeta` pprezentat din ic-citazzjoni fejn talbet il-hlas minghand il-konvenuti fl-ammont Lm1793.60 ghal servizz ta'  telefon moghti fuq in-numru 412255;

Illi rrizulta li s-socjeta` attrici kienet gja ntavolat citazzjoni identika fl-1994 liema kawza ggib in-nurmu 584/94 u li din thalliet *sine die* fis-26 ta' Gunju 1996 u skond il-verbal tal-15 ta' Lulju 1998 kienet marret Dezerta fit-2 ta' Novembru 1996; dawn infatti flimkien mac-cirkostanzi tul l-andament ta' l-imsemmija proceduri jirrizultaw ukoll mill-file relattiv li s-socjeta` attrici pprezentat fil-kawza odjerna *animo ritirandi*;

Illi mill-atti jirrizulta wkoll illi s-socjeta` attrici ghamlet referenza ghal ittra ufficjali indirizzata lill-konvenuti u "din suppost iggib id-data ta' l-20 ta' Mejju 1993"; ma jirrizultax li din l-ittra ufficjali giet esebita u ma hemmx prova ta' riferta relattiva;

Illi l-partijiet jaghmlu referenza ghal provi li kienu tressqu fl-imsemmija kawza l-ohra imsemmija bin-numru 584/94 u gew esebiti wkoll estratti essenzjali minnhom; illi jidher li din il-kawza kienet thalliet *sine die* peress li s-socjeta` attrici kellha ghal zmien twil tipprezenta *itemised bill* tal-kjamati li allegatament gew maghmula minn fuq it-telefon in kwistjoni.  Dan il-kont dettaljat kellu jigi esebit wara li l-konvenuti u x-xhieda taghhom kienu xehdu dwar ic-cirkostanzi taghhom u fejn ikkontendew illi qatt ma ghamlu telefonati illi setghu jwasslu ghal kontijiet hekk gholjin;

Illi dan il-kont imsejjah *itemised bill* li ma kienx giex ipprezentat fil-kawza precedenti anqas gie pprezentat f'dik odjerna, peress li anki f'din kien hemm ripetizzjoni tat-talbiet ghall-imsemmija produzzjoni; kien biss fl-ahhar ta' dawn il-proceduri li s-socjeta` attrici ddikjarat li ma kinitx f'posizzjoni illi tipprezenta dawn id-dettalji;

Illi l-kontijiet li ghalihom tirreferi t-talba odjerna jkopru l-perjodu mill-1 ta' Lulju 1990 sal-31 ta' Marzu 1992, waqt li c-citazzjoni odjerna giet intavolata fil-25 ta' Gunju 1998; wara dawn il-fatti l-Qorti kkonsidrat li l-kontijiet il-kbar ikopru l-perjodu mill-bidu ta' l-1990 sa' nofs l-1991, waqt li jirrizulta car li kemm qabel kif ukoll wara dak il-perjodu l-kontijiet ghan-numru tas-servizz indikat kienu izghar u accettati mill-konvenuti; mid-dokument "Request for Works" jidher li dan igib in-numru 4960/87 pero` f'kull kaz irrizulta li kien hemm perjodu mhux hazin meta l-kontijiet kienu izghar u cioe` qabel l-1 ta' Jannar 1990;

Illi mix-xhieda tal-konvenut irrizulta li hekk kif huwa kien ircieva l-ewwel kont gholi huwa mill-ewwel mar jilmenta ma' tat-telefon li pero` qalulu li ma setghu jaghmlu xejn u dan anki ghalkemm kienu ghamlu xi tests u gghaluh ihallas anki zewg liri ghalihom;

Illi dan id-dettal flimkien ma' hafna dettalji ohra importanti kienu x'aktarx riflessi fil-file tas-socjeta` relattiv ghal dak in-numru, pero` irrizulta illi dan il-file ma setghux isibuh u l-file li gie esebit in segwitu jkopri biss il-perjodu sussegwenti; ma jistax ma jigix rilevat li oltre dan in-nuqqas pjuttost serju tas-socjeta` attrici kien hemm ukoll l-istqarrija tal-konvenut dwar meta huwa kien ircieva l-kont gholi u mar ghand il-Korporazzjoni fejn, biex ikun zgur, talab illi jigi *barred* iz-zero mil-linja tieghu "Ta' l-ufficcju rrispondieni li fil-fatt it-telefon tieghi kellu z-zero mpenjat. Jiena ghidtlu li jiena qatt ma kont ghamilt din l-applikazzjoni, fil-fatt iccekkjaw il-file u ma sab l-ebda applikazzjoni ffirmata minni." Huwa wkoll rilevanti dak li kompla jixhed l-istess konvenut "meta t-Telemalta dahlet is-sistema tal-computer jiena bdejt nircievi kontijiet normali u fil-fatt l-oghla wiehed kien ta' lira u tmenin centezmu." Dwar dan is-socjeta` attrici ma kellha ebda spjegazzjoni;

Illi fid-dawl tar-rizultanzi processwali u ta' dak li ntqal aktar 'il fuq f'din is-sentenza, ma jidhirx li s-socjeta` attrici rnexxielha tipprova t-tezi taghha u dan oltre l-perjodi hawn fuq imsemmija.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Tilqa' l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti u tichad it-talbiet attrici.

L-ispejjez jithallsu mis-socjeta` attrici.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur